MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2006

Numru 349/2004

PULIZIJA
SPETTUR MICHAEL MALLIA
SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI
VS
JOSEPH PORTELLI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Portelli, ta’ 32 sena, bin George u Carmen nee’ Mangion, imwieled Pieta’ fid-29 t’Awissu 1971, u residenti Sweet Dream, Triq il-Kanonku Karmenu Pirotta, B’Kara, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 370271(M), u akkuzat talli fil-gimghat ta’ qabel il-5 t’April 2004, flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta’ diversi xogholijiet ta’ l-arti u oggetti ohra li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ elf Lira Maltin (Lm1000), mill-fond Nru. 129, Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000), bil-lok u bil-hin.

U aktar talli fis-27 t'April 2004 u fil-gimghat ta' qabel din id-data, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-hames mitt Lira Maltin (Lm500).

U aktar talli f'Malta, f'dawn l-ahhar gimghat, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti gejjin minn reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal tal-14 t'Ottubru 2005, fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghar-rigward tat-tielet akkuza, u cioe' dik ta' ricettazzjoni.

Rat il-'pre-sentencing report' tal-'probation officer' Calafato, minnu esebit u mahluf.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-Difiza tas-16 ta' Jannar 2006.

Ikkunsidrat:-

Mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi fil-5 t'April 2004, il-Pulizija kienet giet infurmata b'serqa li saret mir-residenza Numru 129, Triq il-Fran, il-Belt Valletta. Illi ghaldaqstant, il-Pulizija accediet fuq il-post u rrizulta illi l-hallelin kienu dahlu minn sprall li qieghed fuq il-bankina quddiem il-bieb principali tar-residenza, minn liema sprall accedew ghal go kantina, li tigi taht l-intrata tal-istess

residenza, minn fejn xi xorok gew merfugha mill-hallelin, permezz ta' 'jack' tal-bennejja. Minn din ir-residenza, gew misruqa diversi bicciet tal-arti. Gie infurmat il-Magistrat tal-Ghassa Dr Apap Bologna illi hatar diversi esperti.

Spettur Michael Mallia, a fol 15, xehed illi huwa kien gie moghti struzzjonijiet mill-Assistant Kummissarju fis-26 t'April 2004, biex jwettaq tfittxija fir-residenza tal-imputat bl-isem Sweet Dreams, Triq il-Kanonku Karmenu Pirotta, B'Kara, u meta ma fetah hadd, Spettur Mallia ta struzzjonijiet sabiex il-post jigi sorveljat sakemm ma jirritorna s-sid. Minn investigazzjonijiet ulterjuri, il-Pulizija saru jafu illi biswit id-dar koncernata, kien hemm kumpless ta' 'garages' u li tnejn minn dawn il-'garages' kienu propjeta ta' sid id-dar Sweet Dreams fuq indikata.

Ghal habta tas-saghtejn ta' filghodu, l-imputat Joseph Portelli, sid id-dar, gie mwaqqaf mill-Pulizija meta prova jirritorna lejn ir-residenza tieghu, u l-Pulizija bdiet bit-tfittxija ntensiva fil-'garages'. Waqt it-tfittxija f'wiehed mill-'garages':

**'Kien irrizulta li kien jidher li kien hemm hajt man-naha ta' wara tal-garaxx li ma kellux il-filati tal-qatran bhall-kumplament tal-hitan. Filfatt konna ftahna xi garaxxijiet tan-nies ohrajn ma' genbu u konna kejjilna t-tulijiet taghhom ghax kellna suspett illi kien daqsxejn iqsar mill-garaxxijiet l-ohrajn, u kien irrizulta li dan kien zewg piedi inqas mit-tul…filfatt konna messejna l-hajt, bdejna nhabbtu fuqu u beda jinstema' li kien jirbombja wkoll.' (ara xhieda a fol 16).**

Meta nhatt il-hajt, il-Pulizija sabu diversi pitturi u xogholijiet ta' arti li kienu nsterqu mill-fond 129, Triq il-Fran, il-Belt Valletta. Rinfaccjat b'dan kollu, l-imputat irrisponda **'dawk ma kontx naf bihom'** (ara a fol 17). Pero' sussegwentement beda jikkopera mal-Pulizija u nforma lill-Ispettur **Mallia 'la issa naf li qed tfittxu ghal dawk, ghandi xi haga ohra d-dar nixtieq nurihielek jiena'** (ara fol 17). Infatti, minn taht is-saqqu tal-kamra tas-sodda tal-imputat, u fl-'storage space' bejn it-twavel u s-saqqu, kien hareg pittura bl-isem Giovannino Al Fonte, liema pittura

hija attribwita lil Caravaggio. Din il-pittura kienet mghottija b'lizar roza.

Fl-istqarrija tieghu, dokument M33 a fol 25 et seq tal-process, jghid is-segwenti:

**'Jien zgur li miniex imdahhal fis-serqa. Dawk il-pitturi kien gabhom hija Dennis u shabu Ian Farrugia li joqghod B'Kara, u Charlie Falzon maghruf bhala l-Garretta.'**

L-imputat stqarr illi bejn Jannar u Frar tal-2004, Dennis Portelli (huh) kien talbu cavetta ta' wiehed mill-garaxxijiet tieghu (l-imputat):

**'ghax qalli li kien ha jgib inkwadru li kien jiswa' hafna flus. Jien tajtu c-cavetta tal-garaxx fejn sibtu l-pitturi…' (ara a fol 25).**

L-imputat stqarr illi xi zmien wara waqt li kienu ghand ommu, Dennis Portelli kien informa lill-imputat illi l-kwadri kienu waslu u ried jurihomlu. Illi ghaldaqstant, l-imputat stqarr illi huwa mar fil-garaxx u sab diversi pitturi jistriehu mal-hajt gewwa l-istess garaxx:

**'urieni wkoll wahda partikolari minnhom <u>u qalli biex inzommhielu d-dar tieghi</u>. Filfatt konna tellajniha d-dar u tfajnieha taht is-sodda tieghi fejn sibtuha…<u>jien kont irrejalizzajt mill-bidu nett li kien ser jakkwista l-pittura llegalment</u>, pero' ma kontx nobsor li hija gravi daqshekk. Irrejalizzajt li kienet daqshekk gravi meta smajt l-ahbarijiet u filfatt ergajt qedtlu (lil Dennis Portelli) biex ifittex jehles minn din il-pittura u jnehhihieli minn hemm.' (ara a fol 26).**

L-imputat stqarr illi Dennis Portelli kien qallu zmien wara minn fejn filfatt kien seraq il-pitturi li kien qieghed fil-garaxx tal-imputat, u cioe' minn go dar il-Belt u li sidha kien jahdem barra minn Malta. L-imputat stqarr, a fol 26, illi xi zmien wara kien mar jitlob ic-cavetta tal-garaxx ghax ma setax jipparkja fit-triq, u filfatt sab li kien inbena hajt fuq in-naha ta' wara tal-garaxx. Meta staqsa lil huh Dennis

dwar dan, huwa qallu illi kien ghamel il-pitturi wara l-hajt falz. Mitlub jghid ghaliex zamm il-pittura ghandu meta kien jaf illi kienet misruqa, l-imputat jghid **‘ghax qalli biex inzommhielu u qisu talabni biex naghmillu pjacir’** (ara xhieda a fol 26).

Fil-gurnata ta’ qabel ma kien arrestat, l-imputat stqarr illi kien ircieva telefonata minghand huh, u nfurmah illi l-Pulizija kienu marru ghand Garretta biex ifittxu lill-imputat. Illi ghalhekk, Dennis Portelli, il-Garretta u Ian Farrugia ltaqghu u sar ftehim sabiex l-imputat jinheba halli l-pitturi ma jigux skoperti, u filfatt marru joqoghdu fi flat f’Bugibba. Sar attentat sabiex l-imputat jipprova jidhol bil-mohbi fid-dar tieghu sabiex johrog il-pittura u jitfaghha fl-ghalqa ta’ wara, izda dan ma setax isir ghaliex il-Pulizija kienu ghadhom jaghmlu l-ghassa. Illi ghaldaqstant, l-imputat iddecieda li jmur lura d-dar tieghu, u filfatt gie arrestat mill-Pulizija. L-imputat stqarr illi Charlie l-Garretta u Ian Farrugia qalulu biex jarmi l-‘mobile phone’ gol-ghalqa, u biex jaqsam ic-cippa u huwa hekk ghamel. L-imputat fl-istqarrija gharaf il-‘mobile phone’ li gie misjub mill-Pulizija u elevat minnhom.

Fit-tieni stqarrija dokument M34 a fol 28 tal-process, l-imputat ikkonferma illi Dennis Portelli kien talbu biex isellfu ‘jack’ tal-gebel xi zmien wara illi kien ghaddielu c-cavetta tal-garaxxijiet, u ma qallux ir-raguni ghalfejn. Xi jumejn wara li kien diga’ kkonsenjalu dan il-‘jack’, l-imputat rega’ staqsieh ir-raguni ghalfejn riedu, u Dennis Portelli qallu li ried juzah fis-serqa biex jaqla’ x-xorok bih. L-imputat jghid **‘kif qalli hekk jien tlabtulu lura, pero’ Dennis qalli li ma kellix x’nambih, filfatt ghadu ma tahuliex lura.’** (ara a fol 29).

Sa dak il-hin, l-imputat stqarr illi huwa ma kienx jaf minn fejn kellha ssir is-serqa, semplicement li din kienet ser issehh minn dar il-Belt, u li sidha kien jahdem barra minn Malta. Kien wara s-serqa illi Dennis kien qallu illi nvoluti fis-serqa kien hemm ukoll Ian Farrugia u Charlie maghruf bhala l-Garretta.

Fit-tieni stqarrija tieghu, l-imputat sostna illi Dennis kien gie b'karozza Skoda bajda sabiex jiehu l-'jack' tal-gebel. L-imputat sostna illi meta sar jaf illi l-garaxx kien ser jintuza' biex jinzammu l-pitturi misruqa, huwa kien talab lil huh biex jerga' jirritornalu c-cavetta pero' dan ma riedx itihielu lura (ara stqarrija a fol 29).

L-imputat kompla jsostni illi huwa ma kienx jaf illi l-pittura kienet ser tinzamm wara hajt falz fil-garaxx tieghu, u sar jaf xi erbat ijiem wara s-serqa, meta kienet ghada ma gietx irrapurtata s-serqa fil-mezzi tax-xandir (ara stqarrija a fol 30). L-imputat stqarr illi huwa kien mar ikellem lil huh, lil Ian Farrugia u lil Charlie l-Garretta diversi drabi sabiex inehhulu l-pittura mill-garaxx tieghu, u ha r-risposta illi dalwaqt kienu se jnehhuha (ara stqarrija a fol 30). L-imputat stqarr illi l-persuna li kien ghadda nformazzjoni dwar il-pitturi lil Ian Farrugia **'kien gej u sejjer barra minn Malta ghax il-pittura kellhom postha, jigifieri kellhom il-bejgh taghha.'** (ara stqarrija a fol 30).

L-imputat kompla jghid illi Ian Farrugia u Charlie l-Garretta kienu qalulu biex ikisser il-'mobile' u c-cippa sabiex ma jkunx hemm provi li saru kuntatti bejnhom u l-imputat (ara a fol 31).

PS 90 Jeffrey Gerada, a fol 32 et seq, ikkonferma illi huwa kien prezenti ghal diversi tfittxijiet li saru f'B'Kara, f'garaxx fi Triq il-Kanonku Pirotta, fil-prezenza tal-imputat, fejn il-Pulizija ntebhet li kien hemm hajt falz. Ikkonferma wkoll illi huwa kien prezenti ghat-tfittxija fid-dar residenzjali tal-imputat minn fejn giet elevata pittura li kienet attribwita lil Caravaggio.

Spettur Mallia, a fol 42 et seq, esebixxa cavetta tal-garaxx sitwat fi Triq Kanonku Karmenu Pirotta, B'Kara, li giet esebita bhala esebit MMW.

Anna Xuereb, a fol 43A et seq, xehdet illi fil-5 t'April 2004, kienet ghamlet rapport lill-Pulizija ghal habta tat-tmienja u nofs ta' filghodu, li kienet sehhet serqa mid-dar ta' huha, l-Imhallef Giovanni Bonello, sitwata fi Triq il-Fran, il-Belt. Anna Xuereb kompliet tghid illi hija kienet ghada kemm

irkuprat minn pnemonia u ghaldaqstant, kienet ilha ma tmur id-dar ta' huha xi tlett gimghat. Kif dahlet, innutat illi c-cavetta tal-bieb ta' barra daret b'aktar facilita' mis-soltu, pero' meta dahlet fl-intrata, il-fattiga gibditilha l-attenzjoni ghal xi xogholijiet ta' gebel li kien hemm fl-intrata u minn hemmhekk, Anna Xuereb indunat illi xi hadd kien dahal fid-dar. Filfatt kienet innutat illi kien hemm zewg incizjonijiet mal-art fit-tarag, u mbaghad fis-sala, sabet 'bed spread' mitfugha mal-art, u l-'frames' u l-gwarnici tal-pitturi mixhutin kif gie gie, bil-hgieg imkisser. Saret hsara f'sufan antik tal-Canna d'India, li sfrundawh, u kien hemm ukoll xi pittura illi nqalghet minn mal-hajt pero' thalliet mal-art. B'kollox insterqu xi tletin (30) bicca tal-arti u cioe' tmienja u ghoxrin (28) pittura, incizjoni u disinn.

Anna Xuereb, fix-xhieda taghha spjegat illi l-ewwel verifika li ghamlet kienet dwar il-pittura attribwita' lil Caravaggio, u sabet biss il-gwarnic ta' din il-pittura fil-kontro intrata. Anna Xuereb ikkonfermat illi ebda oggett tad-deheb ma ttiehed pero' ma setghetx tikkonferma jekk kienx hemm nuqqas ta' xi muniti. Anna Xuereb ikkonfermat illi apparti huha, hi biss kellha cavetta tad-dar. Ikkonfermat ukoll illi hija kienet tmur regolarment izzur id-dar u tiehu maghha l-hassiela ghat-tindif. Kien biss fit-tlett gimghat qabel is-serqa meta hija kienet marida hafna bl-pnemonia illi ma kinitx f'pozizzjoni illi zzur id-dar ta' huha.

Anna Xuereb ikkonfermat dokument MM32 u l-pitturi kontenuti f'dan il-katalgu. Iddikjarat illi l-hassiela jisimha Marthese Borda.

Spettur Jeffrey Azzopardi, a fol 49 et seq, ikkonferma t-tieni stqarrija tal-imputat illi giet mehuda minnu u mill-Assistant Kummissarju Michael Cassar, dokument MM34.

PS 1417 Stephen Tanti, a fol 51 et seq, ikkonferma li kien ircieva rapport ta' serqa mid-dar tal-Imhallef Giovanni Bonello l-Belt li kienet giet irrapurtata minn ohtu Anna Xuereb. Minn din ir-residenza fil-Belt, insterqu kwantita' kbira ta' pittura fosthom pittura attribwita' lil Caravaggio. Is-Surgent Tanti kkonferma illi huwa kien acceda fuq il-post, u mill-ewwel stharrig illi kien ghamel, irrizulta illi l-

hallelin kienu dahlu billi qalghu sprall fuq il-bankina, nizlu fil-kantina u permezz ta' 'jack', kienu qalghu xi cnagen u madum tal-art, u b'hekk accedew ghad-dar in kwistjoni. PS Tanti kkonferma wkoll illi s-serratura tal-bieb ta' barra kienet giet sgassata.

Minn iktar stharrig, is-Surgent Tanti kkonferma illi xi sena qabel dan l-incident, kienu gew xi Taljani sabiex jezaminaw il-pittura attribwita' lil Caravaggio, waqt illi xi hames gimghat qabel tal-incident, kienu marru xi haddiema mill-Fondazzjoni Wirt Artna, li hadu l-pittura sabiex jitwettqu fuqha xi 'x-rays'. L-okkorrenza giet esebita u mmarkata bhala dokument PS li tinstab a fol 53 et seq.

Gie esebit il-process verbal rigwardanti s-serqa minn 129, Triq il-Fran, Belt Valletta, li gie esebit bhala dokument MC, u a fol 66 tal-process, u gew kkonfermati l-esperti nominati fl-inkjesta.

L-Imhallef Dr Giovanni Bonello, a fol 67 et seq, xehed illi kien ircieva telefonata minghand ohtu Anna Xuereb dwar is-serqa fid-dar residenzjali tieghu 129, Triq il-Fran, Valletta, u ghaldaqstant kien irritorna lura bl-ewwel ajruplan li sab. Meta wasal Malta ftit jiem wara s-serqa, ikkonstata li kienu naqsu mid-dar residenzjali 129, Triq il-Fran, il-Belt, tmienja u ghoxrin (28) pittura, incizjoni u disinn, u li dawn ix-xogholijiet ta' arti kienu jappartjenu lilu u lil ohtu Anna Xuereb. Apparti minn hekk, kien induna illi kienu naqsu numru ta' midalji antiki kommemorattivi li kienu propjeta' tieghu. L-Imhallef Bonello kkonferma wkoll li kienet twettqet xi hsara fuq l-oggetti tal-arti nnifishom meta l-pittura kienet tnehhiet mill-gwarnica taghha, apparti l-hsarat fil-gwarnici tal-inkwadri. Kien hemm ksur ta' hgieg tal-incizjonijiet u kien hemm sufan antik li l-wicc tieghu gie sfrundat.

L-Imhallef Bonello kkonstata l-lista ta' pittura li giet esebita bhala dokument MM a fol 22 tal-process, pero' stqarr li stima tal-hsarat fuq il-pittura kienet ghada ma saritx. L-Imhallef Bonello, a fol 68, stqarr fix-xhieda tieghu, illi l-pittura kienet sofriet hafna mill-moffa ghaliex kienet

tpoggiet f'post mhux ivventilat, pero' din il-hsara ma kinitx irriversibbli. Finalment, l-Imhallef Bonello stqarr illi l-pittura kollha li nsterqet mir-residenza tieghu filfatt giet misjuba, u filfatt anke l-muniti kommemorattivi gew misjuba mill-Pulizija.

Perit Richard Aquilina, a fol 148, esebixxa dokument RA, relazzjoni fuq inkarigu lilu moghti.

PS 1374 Edgar Dalli u PS 659 Jeffrey Hughes, a fol 173 et seq, ipprezentaw ir-relazzjoni taghhom dokument ED1 u ED2, u kkonfermaw illi l-original ta' dawn id-dokumenti kienu gew esebiti fil-proceduri quddiem il-Magistrat Dr Antonio Vella fil-kaz Il-Pulizija vs Ian Farrugia et.

PC 638 Charlie Psaila, ikkonferma illi fil-5 t'April 2004, fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Michael Mallia, kien acceda f'garaxx fi Triq Kanonku Pirotta, B'Kara, sabiex jaghmel apertura f'hajt falz f'dan il-garaxx. Filfatt beda x-xoghol b'mod galbat, u wara li nhattu numru ta' 'bricks', ikkonferma illi ra xi affarijiet li nhargu minn wara dan il-hajt falz (ara xhieda a fol 193 u 194).

PC 80 Charles Vella, a fol 195, ikkonferma illi huwa kien gie mqabbad biex jaghmel apertura f'hajt falz f'garaxx f'B'Kara, flimkien ma' PC 638 Charlie Psaila. PC 80 ikkonferma illi wara illi hattew il-'bricks', il-Pulizija sabu xi pitturi li kienu stivati wara dan il-hajt falz.

Assistant Kummissarju Emanuel Cassar, a fol 215 et seq, xehed illi in segwitu tas-serqa mid-dar residenzjali tal-Imhallef Giovanni Bonello f'Numru 129, Triq il-Fran, il-Belt, huwa kien acceda fuq il-post flimkien mal-Ispettur Geoffrey Azzopardi u Michael Mallia. AC Cassar xehed illi huwa kien osserva illi l-hallelin kienu dahlu minn sprall fuq il-bankina, kienu accedew ghall-kantina tad-dar biswit id-dar tal-Imhallef, u permezz ta' 'jack' tal-bennejja kienu nqalghu xi xorok, u minn hemm, accedew ghad-dar tal-Imhallef. Fir-residenza, PC Cassar sab hafna taqlib ta' karti u fdalijiet ta' pitturi. AC Cassar ikkonferma illi l-hrug kien sar mill-bieb principali li nstab miftuh.

Fil-fond adjacenti ghad-dar 129, kien instab sellum tal-'aluminium' li kien thalla fil-kantina u 'jack' tal-bennejja. L-AC Cassar xehed illi kienu tkomplew l-investigazzjonijiet taghhom u mbaghad fis-26 t'April, kien ta struzzjonijiet lill-Ispettur Mallia u xi Spetturi ohrajn biex jaghmlu tfittxijiet f'diversi postijiet fosthom tal-imputat, li kellu dar b'zewg garaxxijiet fil-vicin. Saru wkoll tfittxijiet fid-dar ta' Dennis Portelli.

Meta Dennis Portelli u l-imputat ma setghux jinstabu mill-Pulizija, l-AC Cassar ta struzzjonijiet lill-Ispettur Michael Mallia biex jibqghu ghassa mad-dar tal-imputat Joseph Portelli sakemm dan jirritorna. Filfatt fis-saghtejn ta' filghodu, l-AC Cassar gie nfurmat illi l-imputat kien gie arrestat meta mar biex jidhol id-dar tieghu. It-tfittxija bdiet l-ghada filghodu. AC Cassar ikkonferma wkoll illi kien gie nfurmat illi wiehed mill-garaxxijiet kien jidher iqsar mill-iehor u ghaldaqstant, huwa ta ordni biex jinhatt il-hajt. Filfatt, hekk sar u minn wara hajt falz, gew misjuba l-pittura, li kienu mghottija bi 'plastic' u bi craret. Instabet pittura wkoll f'borza tal-'plastic' trasparenti li fuqha kien hemm bil-'felt pen' RNG. Wara dan, l-imputat filfatt kien hadhom fid-dar residenzjali tieghu fejn minn 'storage space' taht is-sodda fil-kamra tas-sodda principali, l-imputat kien ikkonsenja pittura attribwita' lil Caravaggio, lill-Pulizija.

L-interrogazzjoni tal-imputat twettqet mill-Ispettur Mallia pero' l-AC Cassar ikkonferma illi xi hinijiet anke kellmu hu. Infatti, l-imputat kien irrilaxxa zewg stqarrijiet. L-AC Cassar ikkonferma dokument MM24 a fol 28. L-AC Cassar xehed illi wara illi l-Pulizija sabu l-pittura imqeghda wara l-hajt falz tal-garaxx tal-imputat, l-imputat iddecieda li jikkorrabora mal-Pulizija.

Spettur Pierre Micallef Grimaud, a fol 219, ikkonferma r-rapport tal-Pulizija esebit a fol 79 fil-process verbal anness ma' dawn l-atti.

PS 516 Alfio Borg, ipprezenta faxxiklu ta' tnejn u disghin (92) ritratt esebiti bhala AB1-92, li huwa kien ha fuq inkarigu tal-Magistrat Inkwerenti Apap Bologna.

Marthese Borda, a fol 223, ikkonfermat illi hija kienet tmur fid-dar tal-Imhallef Giovanni Bonello l-Belt sabiex tnaddaf il-fond, u li kienet tmur akkumpanjata minn Anna Xuereb li tigi oht l-Imhallef, li kienet tifthilha l-bieb u toqghod maghha. Marthese Borda kkonfermat illi kien hemm perjodu ta’ tlett gimghat fejn ma kinux marru fid-dar tal-Imhallef Bonello ghaliex Anna Xuereb kienet ma tiflahx. Illi kif fethu l-bieb ta’ barra, Marthese Borda kkonfermat illi ntebhet li kien hemm xi madum tal-art maqlugh, u minn hemmhekk, indunaw li kienu dahluhom in-nies. Marthese Borda xehdet illi hija bezghet tidhol gewwa izda finalment, Anna Xuereb u hija dahlu gewwa sabiex icemplu lill-Pulizija minn telefon li kien fit-tieni sular. Marthese Borda xehdet illi hija u Anna Xuereb kienu raw il-gwarnici tal-pitturi vojta.

PS 198 Alfred Debattista, a fol 277 tal-process, ikkonferma li huwa kien gie nominat bhala Scene of Crime Officer, fl-inkjesta dwar serqa minn 129, Triq il-Fran, Valletta, u kkonferma wkoll illi huwa ha hsieb tat-tehid tar-ritratti fuq ix-xena tad-delitt. L-original ta’ dawn ir-ritratti gew esebiti fil-kawza Il-Pulizija vs Ian Farrugia et quddiem il-Magistrat Antonio Vella. Dawn gew esebiti bhala dokument AD1-104.

Domenic Cutajar, Kuratur tal-Muzew tal-Arti, ipprezenta r-relazzjoni tieghu dokument DC, li tinstab a fol 281 tal-process, fuq inkarigu tal-Magistrat Inkwerenti Apap Bologna. Domenic Cutajar ikkonferma li huwa kien acceda fil-fond 129, Triq il-Fran, Valletta. Sussegwentement, kien gie msejjah mill-Magistrat Apap Bologna biex jaccedi f’post lejn Hal Balzan jew Hal Lija gewwa flat, u minn taht sodda, f’kamra tas-sodda, kien hemm pittura li kienet attribwita’ lil Caravaggio. Domenic Cutajar xehed illi huwa kien ha l-mizuri ta’ din il-pittura mill-gwarnica taghha fil-fond 129, Triq il-Fran, u sabet li kienet taqbel mal-pittura misjuba f’dan il-flat. Il-pittura attribwita’ lil Caravaggio **kienet giet misjuba f’kundizzjoni tajba hafna**. Wara dan, huwa kien nizel f’garaxx fejn kien hemm hajt illi kellu parti minnu zarmat u

bejn il-vojt ta’ dawn il-hitan, huwa kien sab il-bqija tal-pitturi li bdew jinhargu bilmod.

Domenic Cutajar ikkonferma illi huwa ghamel lista tal-pitturi kollha li nstabu u kkonferma r-rapport tieghu dokument DC. Domenic Cutajar ikkonferma l-hsarat li kien hemm fil-pitturi, pero’ ma kienx f’pozizzjoni li jaghti valutazzjoni tal-ispejjez tar-restawr. Huwa kkonferma l-hsarat fuq il-‘frames’, apparti li whud minnhom kienu frakassati, u l-hsarat per se fuq il-pittura a kawza tal-moffa li attakkathom. Fuq pitturi ohrajn, kien hemm sinjali ta’ brix b’mod partikolari ghall-pittura ta’ Mattia Preti illi kellha barxa prominenti (ara xhieda a fol 279).

Theresa Vella, a fol 297, Direttur tal-Muzewijiet, ikkonfermat illi l-inkarigu taghha kien illi l-pitturi jinzammu fi stat stabbli kompletament. Id-Direttur Vella xehdet illi ghar-rigward tal-hsarat, dawn zgur illi jaccedu l-hamest elef Lira Maltin (Lm5000). Hija sostniet illi sabiex isir ir-restawr, kien necessarju li jsir ‘condition report’ fuq kull pittura u dan jiswa’ hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25). Kien hemm tletin (30) bicca tal-arti.

PS 612 Taddeo Vella,ipprezenta r-relazzjoni tieghu dokument PS a fol 308.

A fol 332, fil-‘pre-sentencing report’ tieghu, ‘probation officer’ Calafato irrakkomanda sentenza sospiza li tinkorpora fiha kumpens xieraq u li tigi applikata fil-massimu taghha.

PC 1253 Fredrick Brincat, a fol 342 et seq, ipprezenta r-relazzjoni tieghu dokument FB.

Anthony Spagnol, Konservatur mal-Heritage Malta, a fol 353, esebixxa u halef ir-rapport tieghu dokument AS li jinstab a fol 362, dwar evalwazzjoni tal-hsarat fuq it-tmienja u ghoxrin (28) pittura, ‘acquarel’ u incizjoni esebiti in atti. Huwa sostna illi l-hsarat jilhqu s-somma ta’ tlett elef, sitt mija u hmistax-il Lira Maltin (Lm3615), imqassma fi spiza ta’ disa’ mija u hamsa u erbghin Lira Maltin (Lm945) u spiza ohra ta’ elfejn sitt mija u sebghin Lira

Maltin (Lm2670) kif accennat a fol 355 tax-xhieda ta' Spagnol. A fol 356, Anthony Spagnol jghid illi l-hsarat illi huwa sab fuq il-pitturi ndikati kienu hsarat ta' tip ta' grif u brix, telf ta' kulur originali u telf ta' stukkjaturi qodma li facilment setghu saru waqt illi l-kwadri kienu qed jitnehhew mill-gwarnica taghhom, xoghol li x'aktarx sar bi strument bil-ponta.

Ghar-rigward tal-hsara li saret a kagun tal-moffa, Anthony Spagnol ikkonferma illi l-origini tal-moffa ma tistax tigi stabbilita ghaliex dejjem ikun hemm il-prezenza tal-moffa izda din ma tkunx attiva hlief jekk il-pitturi jitqeghdu f'kundizzjonijiet fejn din terga' tibda' tikber. Infatti, a fol 360, Anthony Spagnol ikkonferma illi l-moffa tista' titrabba fi zmien tmienja u erbghin (48) siegha, fil-prezenza tal-kundizzjonijiet ta' umdita' gholja, aktar u aktar meta ma jkunx hemm ventilazzjoni.

L-imputat ghazel li jaghti t-testimonjanza tieghu. A fol 438, l-imputat ikkonferma z-zewg stqarriji tieghu, wara li dawn gew moqrija lilu, (dokument MM33 u MM34). L-imputat stqarr li huh Dennis Portelli kien talbu ghac-cavetta tal-garaxx bejn Jannar u Frar tal-2004. Kien wara li kkonsenjalu c-cavetta tal-garaxx li sar jaf illi Dennis Portelli kien ser juza' dan il-garaxx biex iqieghed oggetti derivanti minn serq. Illi anke meta sar jaf illi l-garaxx kien ser jintuza' biex jircievi hwejjeg misruqa, l-imputat Joseph Portelli ma kienx jaf dwar id-dettalji tas-serqa. Filfatt, xi hmistax qabel ma gie arrestat, l-imputat jghid li kien sema' minn fuq ir-rapurtagg tat-'television' dwar is-serqa, u d-dettalji taghha.

B'referenza ghall-'jack' tal-bennejja, l-imputat spjega li kien fuq il-lant tax-xoghol, xi xahar wara li kien ikkonsenja c-cavetta tal-garaxx lil Dennis Portelli, meta rega' gie Dennis Portelli biex jitolbu ghall-'jack' tal-gebel. L-imputat staqsieh ghal xiex riedu u Dennis irrispondieh li kellu jaghmel xi xoghol ta' alterazzjonijiet (ara xhieda a fol 441).

Dennis Portelli kien gie ghall-'jack' tal-bennejja bil-karozza bajda tal-marka Skoda. Aktar tard, u cioe' l-ghada filghaxija, l-ahwa Portelli kienu ltaqghu ghand ommhom, u

l-imputat beda jissikka lil Dennis Portelli biex jghidlu r-raguni ghaliex ried il-‘jack’ tal-bennejja, u kien hemmhekk illi Dennis Portelli nfurmah li kien iridu sabiex iwettaq is-serqa. L-imputat Portelli fil-pront jghid illi qal lil huh biex jirritorna l-‘jack’ tal-bennejja, izda dan il-‘jack’ qatt ma rega’ rah. L-imputat xehed illi huwa dejjem kellu mpjieg u dejjem kellu xoghol stabbli, u li qatt ma ried jidhol ghal dan l-inkwiet.

L-imputat jishaq b’mod vociferu li huwa ma ghen fl-ebda mod lil Ian Farrugia, Dennis Portelli jew Garretta biex titwettaq is-serqa minn 129, Triq il-Fran, il-Belt.

Rigward il-hajt falz fil-garaxx, l-imputat xehed illi huwa ntebah bih meta talab lil Dennis ghac-cavetta tal-garaxx wara li twettqet is-serqa, u kien hemmhekk illi nduna li l-fond tal-garaxx qsar **‘u rrejalizzajt li wara l-hajt kien hemm xi haga mohbija hux’** (ara xhieda a fol 442). L-imputat ukoll ikkonferma li huwa kien ra l-pitturi wara s-serqa u kkalkola illi l-hajt l-falz ittella’ fi zmien gimgha mid-data tas-serqa (ara xhieda a fol 443). Rigward il-pittura li hija attribwita’ ghal Caravaggio, l-imputat jghid is-segwenti:

**‘Dennis talabni biex inzommhielu d-dar ghax qalli din ma rridhiex tigrilha l-hsara, qabadha hu u tefaghha d-dar, qedtlu ghamilha hawnhekk (storage taht is-sodda) biex toqghod catt biex ma jsirilhiex hsara.’ (ara xhieda a fol 443).**

Mitlub jghid ghalfejn ma rrapurtax lill-Pulizija mall-ewwel dwar l-oggetti li kien jaf li kienu misruqa, l-imputat jghid illi huwa kien beza’ ghaliex kien ser jigi fl-inkwiet, u li kien hemm huh involut:

**‘ma ridx li lill-hija nghaffgu jew ingibu fl-inkwiet, avolja lil hija llum il-gurnata ma tantx inkellmu imma d-demm kif jghidu ma jsirx semm, b’hekk li ma kontx irrapurtajt dawn l-affarijiet jiena, bzajt, bzajt hafna.’ (ara xhieda a fol 444).**

L-imputat ikkonferma illi huwa jahdem fil-gebel u kellu mieghu ‘partner’ certu Twanny Sciberras u ilhom jahdmu flimkien dawn l-ahhar hdax-il sena. Xehed illi huwa mizzewweg pero’ qieghed f’separazzjoni, kellu tifla ta’ sitt snin, u jhallas manteniment ta’ mitt Lira Maltin (Lm100) ghal din it-tifla. L-imputat talab lill-Qorti ghall-klemenza (ara xhieda a fol 446). A fol 448, meta l-imputat gie mistoqsi biex jghid meta kien sar jaf illi l-garaxx kien ser jintuza’ biex jigu stivati pitturi misruqa, l-imputat xehed is-segwenti:

**‘Kont naf li hemm is-serqa, kont naf meta Dennis kien qalli biha wara li tajtu c-cavetta tal-garaxx. Dennis kien qalli li kien ha jgib inkwadru wara jumejn…u kont tlabtu c-cavetta tal-garaxx lura, qalli m’ghandekx xi tridha.’ (ara xhieda a fol 448).**

Bl-istess manjiera, l-imputat ghar-rigward tal-‘jack’ tal-bennejja, jghid a fol 449, illi huh Dennis Portelli kien talbu ghall-‘jack’ tal-bennejja u li dan kien tahulu ghaliex Dennis qallu li kellu jaghmel xi xoghol ta’ alterazzjonijiet. L-ghada, l-imputat baqa’ jissikkah ghar-raguni tal-bzonn tal-‘jack’ tal-bennejja u hemmhekk, Dennis Portelli qallu li kellu bzonnu biex biex jaqla’ xi xorok bih biex iwettaq is-serqa. L-imputat stqarr illi kien qallu minnufih biex jaghtih il-‘jack’ lura (ara xhieda a fol 449).

A fol 450, l-imputat xehed illi huwa talab lil huh ghac-cavetta tal-garaxx u ghar-ritorn tal-‘jack’ tal-bennejja diversi drabi. L-imputat xehed, a fol 450 u 451, illi meta nduna li kien ittella’ hajt falz fil-garaxx tieghu u rrejalizza illi l-pitturi kienu mohbijin warajh, huwa kellem lil Dennis Portelli, lil Ian Farrugia u lil Garretta sabiex ifittxu u jnehhulu **‘dak l-imbarazz minn hemm’**, u tahom zmien xi hmistax jew tlett gimghat waqt li kien icemplilhom kwazi kuljum. L-imputat jghid illi Dennis Portelli, Ian Farrugia u Garretta ma kinux talbuh permess biex itellghu l-hajt. L-imputat xehed, a fol 451, illi ma hasibx illi l-pittura maghluqa wara l-hajt falz kien ser jigrilha l-hsara **‘lanqas irrejalizzajt li kif tghidu intom jiswew il-flus ghax jien ma jinteressanix.’** (ara xhieda a fol 452).

L-imputat xehed illi kien jaf li f'nuqqas ta' ventilazzjoni u li meta tinbena kamra gdida, ikun hemm l-umdita' u gharaf illi bejn dan il-hajt falz ma kienx hemm ventilazzjoni (ara xhieda a fol 453). L-imputat baqa' jsostni illi huwa fl-ebda hin ma assista lil huh jew lil shabu fis-serqa illi twettqet, u li wara li gew misjuba l-pitturi bejn il-hajt il-falz fil-garaxx tieghu, kien hu stess (l-imputat) illi tahom il-pittura attribwita' lil Caravaggio lill-Pulizija. L-imputat esebixxa dokument JP456, rapport mediku mahrug mill-kirurgu Charles Grixti.

Anthony Sciberras, a fol 460, ikkonferma li huwa jahdem bi shab mal-imputat bhala bennej, u xehed illi jaf lill-imputat bhala ragel biezel u tal-affari tieghu.

Ikkunsidrat:-

In vista tal-ammissjoni ta' ricettazzjoni tal-imputat li saret fi stadju bikri tal-proceduri, din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina z-zewg akkuzi li bihom jinstab mixli l-imputat, u cioe' l-akkuza ta' serq u dik ta' hsara volontarja

Illi ghar-rigward l-akkuza ta' serq, mix-xhieda fuq indikata, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-elementi essenzjali tar-reat ta' serq sal-livell probatorju u rikjest fil-kamp kriminali u cioe' 'beyond reasonable doubt'.  Dan qed jinghad ghaliex minn ezami akkurat tax-xhieda jidher car illi l-imputat, ma kellux xjenza wisq anqas l-intenzjoni **fil-mument li ghadda c-cavetta tal-garaxx lil huh Dennis Portelli** tas-serqa li kellha titwettaq fil-fond 129, Triq il-Fran, Belt Valletta. L-imputat, fiz-zewg stqarriji tieghu, kif ukoll fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, baqa' jsostni l-istess verzjoni u cioe' illi huwa kien ghadda c-cavetta ta' dan il-garaxx lil huh Dennis Portelli ghal habta ta' Jannar jew Frar tas-sena 2004, ghaliex Dennis **'kien ha jgib inkwadru li jiswa' hafna flus.'** (ara fol 25), u **kien wara xi zmien** li sar jaf li din il-pittura kienet pittura misruqa.

Illi bl-istess manjiera, ghar-rigward tal-'jack' tal-bennejja, l-imputat, a fol 29 u cioe' t-tieni stqarrija tieghu, isostni illi xi gimaghtejn qabel ma sehhet is-serqa, Dennis Portelli kien

gie u sabu fuq il-lant tax-xoghol, talbu l-‘jack’ tal-bennejja, u wara xi jumejn l-imputat kien rega’ ssikkah sabiex jghidlu ghalfejn ried il-‘jack’ u Dennis kien qalu li ser juzah fis-serqa biex jaqla’ x-xorok bih.

**‘kif qalli hekk jien tlabtulu lura pero’ Dennis qalli li jien ma kellix x’nambih.’ (ibid a fol 29).**

In oltre, mill-provi prodotti, ma jidhirx illi l-imputat kien l-awtur jew ko-awtur tas-serqa jew li ppartecipa direttament fil-kommissjoni tas-serqa li sehhet f’129, Triq il-Fran, Belt Valletta.

Huwa necessarju f’dan l-istadju li l-Qorti tghaddi biex tezamina jekk tissussistix il-komplicita’ fis-serqa ndikata. Illi l-Artiklu 42 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi:

*‘Persuna titqies komplici f’delitt jekk hija:*
*(a) tkun tat ordni lil haddiehor biex jaghmel id-delitt; jew*
*(b) tkun gieghlet li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali, weghdiet, theddid minacci, jew ghemil qarrieqi, inkella b’abbuz ta’ awtorita’ jew setgha, inkella li tkun tat struzzjonijiet biex isir dan id-delitt; jew*
*(c) tkun tat armi, ghodod jew mezzi ohra li jkunu gew uzati fl-ghemil tad-delitt meta kienet taf li hekk kellhom jigu wzati;*
*(d) ghad li ma tkunx wahda mill-persuni msemmija f’paragrafu (a), (b), u (c) b’xi mod li jkun xjentement tkun ghenet jew assistiet lill-awturi jew lill-atturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat;*
*(e) tkun xewxet lil haddiehor inkella sahhet il-volonta’ tieghu sabiex jaghmel id-delitt jew weghdiet li wara filfatt tassistieh, tieqaf mieghu jew tikkumpensah.’*

Illi fil-kaz in ezami, is-subincizi (a), (b) u (e) ma jinkwadrawx ruhhom fic-cirkostanzi ta’ dan id-delitt, u ghaldaqstant, il-Qorti ser tillimita l-ezami ghas-subinciz (c) u (d).

L-elementi necessarji sabiex tissussisti l-komplicita' fl-akkuza ta' serq huma tlieta:
(1) illi l-imputat irid ikun ikkonsenja armi, ghodod jew mezzi ohra;
(2) l-imputat irid ikun gharaf fil-mument li huwa kkonsenja dawn l-armi, ghodod jew mezzi ohra, li dawk l-armi, ghodod jew mezzi ohra jkunu ser jintuzaw fil-kommissjoni tar-reat; u
(3) dawk l-armi, ghodod jew mezzi ohra jkunu effettivament gew uzati fil-kommissjoni tar-reat.

Kif jghallem Sir Anthony Mamo, f'Lectures on Criminal Notes, a fol 131:

*'A person who procures to another the means with which to commit an offence, really contributes materially to the carrying out of the criminal design. But the procurement of the means is not by itself alone sufficient to constitute complicity. In accordance with the principles above stated, two other conditions must concur, the first is that the means should have been procured with the knowledge, that they were to be used for the commission of an offence. The second condition is that such means have in fact been so used.'*

Illi mill-provi fuq indikati, jirrizulta b'mod abbastanza car illi l-imputat Joseph Portelli, fil-mument li kkonsenja l-'jack' tal-bennejja, **ma kienx jaf li dan kien ser jintuza' ghas-serqa tal-pitturi mill-fond 129, Triq il-Fran, Valletta**. Dan sar jafu jumejn wara. Illi ghaldaqstant, japplika l-principju illi *'there cannot be guilty participation in an offence without a common design'* (ebid a fol 131 u 132).

Infatti, il-'guilty knowledge' tal-persuna li tkun ikkonsenjat ghodda jew strumenti jew mezzi ohra, trid tigi ppruvata b'mod car u manifest mill-Prosekuzzjoni. Fil-kaz in ezami jonqos dan l-element krucjali. Dan qieghed jinghad minkejja l-fatt illi l-Qorti temmen (kuntrarjament ghal dak li hemm f'paragrafu tlieta (3) ta' pagna 482 u paragrafu wiehed (1) ta' pagna 483), illi huwa altru ppruvat illi l-'jack' illi l-imputat ikknsenja lil Dennis Portelli kien l-istess

wiehed li ntuza' fis-serqa u li filfatt instab fil-kantina taht il-fond 129, Triq il-Fran, Valletta.

Ghar-rigward tar-rekwizit (d) tal-Artiklu 42 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Prosekuzzjoni riedet tipprova skond il-ligi, illi l-imputat xjentement ghen jew assista lill-awturi jew ko-awturi tad-delitt. Dan ifisser illi l-imputat kellu jaghraf li qieghed jikkopera fil-kommissjoni tar-reat, u ried ikollu ntenzjoni li jiehu sehem u jikkopera fl-istess reat.

Illi huwa abbastanza car illi mill-provi li gew prodotti mill-Prosekuzzjoni, illi l-imputat, fil-hin li kkonsenja l-'jack' tal-bennejja, ma kienx jaf li dan ser jintuza' biex issehh is-serqa indikata, u ghaldaqstant, qatt ma seta' jkollu ntenzjoni biex jikkopera jew jiehu sehem fil-kommissjoni ta' dan ir-reat.

Illi ghar-rigward tat-tieni akkuza, u cioe'l-hsara volontarja fil-pittura misruqa mill-fond 129, Triq il-Fran, Valletta, irid jinghad addirittura illi galadarba l-imputat ma jistax jinstab hati tas-serq jew komplicita' fis-serq tal-pitturi minn 129, Triq il-Fran, Valletta, lanqas ma jista' jinstab hati tal-akkuza dwar hsara volontarja ghal dak li jirrigwardja d-danni strutturali konsegwenti ghas-serqa mill-istess residenza. L-istess pero' ma jistax jinghad ghal dak li jirrigwardja l-hsarat illi garrbu l-pittura meta dawn kienu fil-kustodja tal-imputat.

Illi l-Qorti rat u ezaminat ir-relazzjoni ta' Anthony Spagnol, u l-konkluzjonijiet li wasal ghalihom.

Din il-Qorti rat u ezaminat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet, a fol 486-488, u ma tistax taqbel ma dak li gie sollevat mid-Difiza. Dan qed jinghad ghal diversi ragunijiet fosthom:

(1) illi l-grif, brix u telf ta' kulur originali, telf ta' stukkjaturi qodma fil-pitturi misruqa, **'setghu facilment saru waqt illi l-kwadri kienu qed jitnehhew mill-gwarnica taghhom'**, pero' setghu wkoll bl-istess facilita' graw waqt li kienu qed jigu mqeghda fil-garaxx tal-imputat, u dan sar bil-kunsens tieghu;

(2) illi certament, il-fatt illi dawn il-kwadri tqeghdu f'post kompletament maghluq bejn hajt falz minghajr ebda tip ta' ventilazzjoni u minghajr ebda dawl, u di piu' f'kundizzjoni umda kif huwa ben risaput illi joffri struttura gdida (il-hajt il-falz li gie mibni), huwa fatt illi direttament ikkawza l-moffa fil-pitturi msemmija minn Anthony Spagnol, liema sitwazzjoni giet accettata mill-imputat;

(3) il-fatt illi l-imputat **'f'ebda hin ma mess xi ebda pittura minnhom'**, bl-ebda mod ma jiskolpa lill-imputat illi kien jaf anke bhala konsegwenza stess tal-mistier ta' bennej illi ghandu, illi post mibni gdid minghajr ventilazzjoni huwa post illi jrabbi l-moffa;

(4) illi lanqas ma jiskolpa lill-imputat il-fatt li seta' kien hemm prezenza ta' certu moffa diga' fuq l-inkwadri ndikati, illi mbaghad infirxet b'mod rapidu wara li dawn tqeghdu fil-lok fejn instabu mill-Pulizija. Dan qed jinghad ghaliex kif inhu ben risaput, il-moffa hija omni-prezenti u ghall-gudikant huwa difficli li jaccetta illi 'art collector' bhalma hu l-kwerelanti sejjer jipperikola l-kollezzjoni ta' pittura ta' certu valur billi jqeghdhom f'kundizzjoni fejn tista' tilhaqhom il-moffa, waqt illi jiskarta l-konsegwenzi ta' gheluq tal-istess pitturi antiki u delikati u ta' certu valur f'post mudlam u minghajr ventilazzjoni, u f'bini mtella' frisk ghal perjodu ta' tlett gimghat;

(5) din il-Qorti lanqas ma' taqbel ma' dak sollevat mid-Difiza fejn tghid illi l-imputat lanqas ma kellu access ghall-garaxx, ghaliex skond kliemu stess, l-imputat ammetta illi meta v**erament ried il-garaxx ghax ma setax jipparkja, huwa mar ghand huh Dennis li tah ic-cavetta tal-garaxx**. Kien fl-istess mument illi l-imputat irrejalizza illi l-pitturi kienu tqeghdu wara l-hajt falz illi ttella' fl-istess garaxx. L-imputat li ghandu l-mistier ta' bennej, seta' facilment qala' zewgt iknaten u assigura l-pitturi f'lok ahjar milli tqeghdu, kif del resto giet stivata l-pittura attribwita' lil Caravaggio.

Illi di piu', il-Prosekuzzjoni ppruvat illi l-kwantum tal-hsarat li jidher kemm fix-xhieda ta' Anthony Spagnol kif ukoll fir-rapport tieghu dokument AS, u cioe' f'ammont ta' tlett elef, sitt mija u hmistax-il Lira Maltin (Lm3615).

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati tal-akkuza ta’ serq li minnha tilliberah, hati ta’ ricettazzjoni u ta’ hsara volontarja fl-ammont fuq indikat, u wara li rat l-Artikli 334, 325 u 279(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal erba’ snin prigunerija.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ammetta ghall-akkuzi ta’ ricettazzjoni fi stadju bikri ta’ din il-kawza, u wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, fejn jidher illi l-imputat kien diga’ misjub hati ta’ serq fl-1995, u ghaldaqstant, ma tistax titratta mieghu bhala ‘a first offender’.

Din il-Qorti qed takkorda din il-piena anke wara li hadet in konsiderazzjoni wkoll it-talba ghal klemenza tal-imputat u l-fatt illi r-relazzjoni bejn l-ahwa Dennis Portelli u l-imputat, qeghdet lill-imputat f’sitwazzjoni difficli.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll fl-ghotja tal-piena, il-‘pre-sentencing report’ esebit in atti u mahluf mill-‘probation officer’ Calafato, u ma tista’ bl-ebda mod ma takkolji r-rakkomandazzjonijiet minnu milhuqa, u dan in vista tas-serjeta’ tar-reat u b’mod specjali l-valur tal-pittura misruqa, li fosthom hemm pitturi attribwiti lil Mattia Preti u iehor lil Caravaggio. Di piu, din il-Qorti rat l-Artiklu 334(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jaghmel referenza ghall-istess piena ta’ serq skond il-valur tal-haga, u l-Artiklu 279(b) illi jaghti diskrezzjoni lill-gudikant minn tlettax-il xahar sa seba’ snin prigunerija.

Bl-istess manjiera, din il-Qorti rat l-Artiklu 325(1) fejn taht is-subinciz (1)(a), il-piena stabbilita’ hija bejn tlettax-il xahar u erba’ snin. **Illi ghaldaqstant, il-Qorti hija prekluza anke milli tikkontempla sentenza sospiza** ghaliex anke f’kaz illi tiddeciedi li ghandha takkorda l-piena minima, dan flimkien mal-minimu stabbilit mill-Artiklu 334(a) u 279(b), imur oltre mis-sentejn prigunerija kontemplata sabiex gudikant ikun jista’ jikkunsidra l-ghotja ta’ sentenza sospiza.

Mehud dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, u wara li l-Qorti rat is-sottomissjonijiet tad-Difiza minn fol 489-493, din il-Qorti hi tal-fehma illi piena ta’ erba’ snin prigunerija hija gusta u ghaqlija fir-rigward tal-imputat.

Il-Qorti, in oltre, tordna illi z-zmien li l-imputat qatta’ f’arrest preventiv, jigi mnaqqas mis-sentenza ta’ prigunerija hawn fuq indikata.

Il-Qorti tordna, in oltre, ai termini tal-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, illi l-imputat ihallas ghall-ispejjez inkorsi fl-Inkjesta Magisterjali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------